MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 64 (Laqgħa b'urġenza)

31 ta' Jannar, 2024

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.04pm

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

Stephen Gauci- Kunsillier
Joseph Bajada - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 64 (Laqgħa b'urġenza)

64.1 Komunikazzjoni mis-Sindku;
64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 02 /2024;
64.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 64.1 Komunikazzjoni mis-Sindku

64.1.1 Is-Sindku qal li jssejħet din il-laqgħa b'urġenza, għal-fatt li llum 31 ta' Jannar jagħlqu l-fondi maħruġa mir-Reġjun t'Għawdex. Il-kunsill kellu perjodu ta' żmien fejn seta' japplika għal dawn il-fondi u jsiru proġetti relatati. Il-kunsill ntaqa' ma' ħafna problemi tul dan iż-żmien, fosthom li skema minnhom, il-kunsill kellu jagħmel 'change of request', għax it-tip ta' vettura li ħarġet fit-tender għal aktar minn darba, eżattament għal truck fully electric, sfortunatament ma kienx hemm offerti mitfuha. Is-Sindku kompla li ntilef ħafna żmien ukoll għal-fatt li kien hemm tibdil fis-segretarju eżekuttiv tal-kunsill. Il-kunsill irid jirrispetta d-deadlines stabbiliti u għalhekk ġiet imsejħa din il-laqgħa biex ikunu jistew jgħaddu l-pagamenti marbuta ma' l-iskema msemmija. Dawn jinkludu l-iskema ta' €25,000 għal-ġibjun, €15,500 għal l-iskema marbuta ma' l-ambjent rigward xogħlijiet li fis-Sqaq ta' Anastas u anki saret il-katusa fi Triq tal-Gruwa biex tiġbor l-ilma tax-xita flok jintrema u jibqa' sejjer il-baħar. Ġew ukoll claimed is-somma €4000 għal-iskema tal-kultura li ma ġewx claimed qabel.

64.1.2 Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill għandu l-opportunita minn fondi maħruġa mid-DPF li jammontaw is-somma ta' l'fuq minn €400,000 li dawn s'issa ma ġewx claimed u jistew jiġu utilizzati fi proġetti oħra mill-kunsill. Apparti minn hekk, is-segretarja eżekuttiva jċċekkjat mad-dipartiment fejn irriżulta li hemm funds oħra marbuta mal-'co-financing', li kien hemm fondi allokati li dawn ma ġewx claimed fuqhom li jammontaw bejn Eur400,000 u €500,000. Is-segretarja eżekuttiva rrimarkat kif wkoll ġie jkkonfermat mid-dipartiment innifsu, li hemm kuntratt tal-'co-financing', li l-kuntratt oriġinali tiegħu suppost qiegħed fil-kunsill, pero s'issa għadu ma nstabx. Dawn l-ammonti suppost dehru bħala 'accrued' fl-audits imma dawn ma dehrux. Is-Sindku qal li fil-laqgħa li saret meta is-Sa. Pauliana Said l-accountant kienet preżenti, hu kien qal li dawn il-fondi ma kienux mdaħħlin. Għalhekk ġie deċiż li jsir laqgħa mas-Sa. Pauliana Said ħabba dawn l-audits u xi fondi oħra.Is-segretarja eżekuttiva qalet li x'ħin kellmet mas-Sa. Pauliana Said, l-accountant fuq dan il-fatt, qaltilha li trid tiċċekja b'iktar reqqa fuqhom u forsi wkoll possibilment isiru xi tibdil u reviżjoni ta' l-audits. Is-segretarja eżekuttiva qalet li se jingħataw iktar dettalji lill-kunsilliera x'ħin isir din il-laqgħa.

64.1.3 Is-Sindku qal li l-proġett tal-ġibjun u proġetti li saru minn fondi tar-Reġjun t'Għawdex, ser isiru plakkek biex juru li dan il-proġett ġie ffinanzjat mir-Reġjun t'Għawdex skond kif stipulat fl-applikazzjoni.

64.1.4 Is-Sindku qal li l-kunsill irid japplika għal fondi maħruġa mid-DPF, fejn jeżisti bord spesifiku li jiċċekkja, jivvaluta u jevalwa l-applikazzjoni mitfuha. Il-perit qed jagħmel xi korrezzjonijiet u jirranġa xi tibdil mitlub fl-applikazzjoni. It-tender rigward il-playing filed ħarġet u l-kunsill qed jistenna biex tiġi aġġudikata u finalment joħroġ ir-rapport. Malli jiġi iffirmat l-agreement, jista jibdew ix-xogħlijiet relatati.

64.1.5 Il-kunsill se jagħmel applikazzjoni oħra rigward it-triq 28 t'April, minn fondi wkoll trad-DPF, u x'ħin jiġi iffirmat l-agreement ikun jista jibda x-xogħlijiet, peress li l-kunsill għandu l-period contract tal-pavimentar li jista jiġi utilizzat.

## 64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal- pagamenti 02/2024

64.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 02/2024 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsillier Tewma. Il-pagamenti se jsiru permess ta' cekkijiet. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill- viċi sindku Galea u ssekondata mill-Kunsillier Clayton Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 64.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

64.3.1 Il-laqgħa ntemmet fil-2.17pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 20 ta' Frar 2024, fis-1.30 pm

Konfermati, illum _31____ta' ____Jannar______________ 2024

Philip Vella
Sindku

Marie Josette Vella Magro
Segretarja Eżekuttiva